**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Karl Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 92/2012**

**Illum, 18 ta' Mejju 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Karl Borg ta' 35 sena, bin Anthony u Maria Carmela nee' Busuttil, imwieled Mtarfa fil-15 ta' Novembru 1976, residenti f'Gawhra, Triq Dun Frans Camilleri, Santa Venera, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 14477(M) talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Novembru 2009 fil-jiem ta' qabel jew ta' wara, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 119 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz beda fuq rapport datat 22 ta' Awwissu 2011 tad-Direttur Generali fil-Government Property Division li sar mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn dan kien allega korruzzjoni kontra l-ligi minn ufficjal tad-dipartiment ossija l-imputat li dak iz-zmien kien assenjat fil-Joint Office fil-kariga ta' Senior Technical Officer[1].

Jirrizulta li kien hemm erba' allegazzjonijiet kontra l-imputat izda mill-investigazzjonijiet fil-fond li saru, tlieta minn dawn l-allegazzjonijiet ma kien irrizulta xejn. Lill-Ispettur Gafa' (li kien originarjament l-Ufficjal Prosekutur) kien izda rrizultalu li mara certu Doris McElhatton kienet ghaddiet €80 lil Karl Borg wara li dan kien ippoza bhala perit wara li kien acceda fir-residenza taghha biex ikejjel il-post meta hija ma kienet obbligata thallas xejn.

Din Doris McElhatton fis-sena 2006 kienet applikat biex tifdi c-cens tal-gvern fuq proprjeta' li ghandha f'Birkirkara. Fis-sena 2009 hija rceviet ittra mill-Joint Office fejn intalbet pjanta tar-residenza taghha li kellha tigi ffirmata mill-perit taghha. Hija cemplet lid-dipartiment u kellmet lil Christiana Azzopardi u staqsietha kinitx taf xi perit u din qaltilha li kienet taf. B'hekk cemplilha l-imputat li ftiehem maghha li kien se jmur ghandha fit-28 ta' Novembru 2009. Fil-fatt dakinhar mar u beda jkejjel. Meta lesta din il-mara staqsitu jekk kienx dovut xi hlas. Tixhed li l-imputat l-ewwel qalilha li ma kienx dovut hlas izda li hija riedet thallas lid-dipartiment. Izda imbaghad qalilha li setghet thallas lilu u imbaghad jinqatalu mill-kont u talabha €80. Hija tkompli tixhed li l-process biex wassal ghall-fidi tac-cens ha t-tul u hija kienet kontinwament taghmel il-verifiki taghha. Infatti rrizulta li l-pjanta li saret l-ewwel darba ma kinitx korretta ghaliex ma kienx tkejjel barra. Imbaghad fit-3 ta' Mejju 2011, l-imputat flimkien ma' iehor regghu marru biex jittihed il-kejl izda din id-darba ma hallset xejn.

Illi mix-xhieda ta' Eman Schembri[2] jirrizulta li l-imputat huwa Senior Technical Officer u kien addett biex jahdem fuq pjanti u jivverifika skemi li kienu fidi ta' cens ta' residenza. Huwa xehed li meta Karl Borg mar ghand din il-mara ma kienx baghtu d-dipartiment. Is-sur Vincent Gilson[3] kien informa lid-Direttur Generali li l-imputat kien jaghmel xoghol ta' natura part-time ma' perit fi prattika privata. Minhabba dan il-kaz l-imputat gie sospiz. Huwa kkonferma li meta l-imputat mar ghand din il-mara ma kienx

[1] Xhieda Anthony Zammit tat-18 ta' April 2013
[2] Direttur Generali fil-Government Property Division u Kummissarju tal-Artijiet
[3] Direttur ta' Karl Borg

fuq xoghol ufficjali izda huwa rrapporta xorta ghaliex bhala ufficjal pubbliku talab €80 lil din il-persuna.

Huwa xehed li jekk imur perit imqabbad mid-dipartiment il-hlas jitolbu d-dipartiment izda jekk jitqabbad perit privat ihallsu l-individwu.

Mix-xhieda ta' Vincent Gilson, direttur tal-Joint Office, gie kkonfermat li s-sinjuri McElhatton talbu biex jifdu c-cens tar-residenza taghhom. Huwa spjega li bil-ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern id-dipartiment huwa marbut li l-proprjeta' kollha tkun registrata qabel ma jigi ppubblikat il-kuntratt ta' fidi tac-cens u ghalhekk ikun jehtieg li jsiru l-pjanti tal-Land Registry.

Originarjament dawn il-pjanti kienu jsiru mit-teknici tad-dipartiment. Izda billi kellhom numru kbir ta' applikazzjonijiet bdew juzaw 3 opzjonijiet: (1) juzaw it-teknici tad-dipartiment, jew (2) kellhom pool ta' periti privati u kienu jqabdu lil dawn u kienu jhallsuha €80 lill-periti mid-dipartiment, jew (3) ighidu lill-individwi biex iqabbdu periti taghhom.

Meta l-perit jitqabbad mid-dipartiment jithallas mid-dipartiment izda l-hlas ikun parti mill-ispejjez tal-kuntratt u kwindi fl-ahhar tal-process kollu. Fis-sena 2009 Karl Borg kien tekniku mad-dipartiment cioe' kien ihejji pjanti biex jigu registrati l-Land Registry. Karl Borg gieli kien jahdem overtime. Mill-file tal-kaz ma jirrizultax li Karl Borg kien involut ufficjalment biex jaghmel xi haga fuq dan il-file. Il-pjanta fil-file saret fis-sena 2011 u giet iffirmata mill-Perit Christina Said li hija perit tad-dipartiment.

Huwa spjega li fis-sena 2009, id-dipartiment informa lil Mc…..biex jitqabbad perit privat izda l-pjanti ma sarux. Ghalhekk, meta fis-sena 2011 kien wasal iz-zmien sabiex isir il-kuntratt, raw li ma kienux saru l-pjanti u qabdu wiehed mit-teknici taghhom li kien Karl Borg u saru f'Lulju 2011[4].

Mid-dokument ezebit Dok PG1 (work sheet tat-28 ta' Novembru 2009) jirrizulta li l-imputat ma kienx overtime fit-28 ta' Novembru 2009 li hija d-data msemmija minn Doris McElhatton . Mal-kuntratt din il-persuna hallset €69.88 u l-prezz tal-fidi tac-cens.

Vince Gilson spjega li kien hemm zewg istanzi f'dan il-kaz – fis-sena 2009 id-dipartiment kiteb lis-sinjura inkwistjoni biex tqabbad perit privat u billi l-pjanti ma kienux saru intbaghat perit mid-dipartiment fis-sena 2011 li ma jithallasx u jiccargjaw biss ir-registration fee. Fil-kuntratt izda m'hemmx imnizzel li hallset €80 registration fee.

---

[4] Ara minuta 33 fil-file ezebit

Christiana Dimech Azzopardi, impjegata wkoll mad-dipartiment, xehdet li f'dan il-kaz hija ghaddiet xoghol privat lill-imputat billi kien jahdem mal-Perit Caruana Montaldo.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li huwa draughtsman u f'dak iz-zmien mertu tal-proceduri huwa kien jahdem bhala Senior Technical Officer fil-Lands Department. Huwa spjega li kellu l-permess minghand id-diretturi li jaghmel xoghol privat fuq ix-xoghol tieghu ma' periti privati. Din il-persuna talbet ghall-perit privat u ssuggerew lilu. Hija kellha bzonn Land Registry Plan. Huwa mar ikejjel u huwa u hiereg riedet thallsu. Kienet taf kemm kien l-ammont ghaliex meta cemplilha ghall-appuntament kien qalilha li €80. Il-file taghha gie processat u rrizulta li kien hemm zball fil-pjanta. Il-prassi kienet li kif isir zball il-file imur ghand il-perit tal-Gvern. Meta imbaghad rega' mar lura biex jaghmel il-pjanta hija marret id-dipartiment u qaltilhom li kienet diga' halsithom. Huwa kellu mat-tlett mija/erba' mitt file ghall-ipprocessar.

Illi din il-Qorti tqis li mir-rizultanzi processwali l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Filwaqt li rrizulta li l-imputat fiz-zmien ta' l-akkadut kien effettivament impjegat mal-Gvern u kien jaghmel pjanti bhal dik li ghamel fil-kaz odjern bhala xoghol tal-Gvern u allura ma kienx intitolat ghal ebda hlas, f'dan il-kaz partikolari rrizulta li l-imputat mar ghand is-sinjura inkwistjoni fuq xoghol privat u mhux bhala impjegat tal-Gvern. Irrizulta infatti li huwa nghata l-permess mis-superjuri tieghu sabiex jaghmel xoghol privat ma' periti privati. Apparti minn hekk irrizulta li fit-28 ta' Novembru 2009 li kienet il-gurnata tas-Sibt l-imputat ma dahalx xoghol overtime hekk kif turi l-work sheet ta' dik il-gurnata ezebita in atti mid-direttur tal-joint office.

Din il-Qorti, anki wara li rat u semghet lill-imputat jixhed setghet tikkonstata li l-versjoni moghtija minnu hija veritiera. Infatti rrizulta mix-xhieda u dokumenti prodotti li l-imputat kellu l-permess jaghmel xoghol privat, li huwa fil-fatt kien jahdem ma' perit fil-prattika privata u f'dan il-kaz huwa mar fuq xoghol privat u mhux bhala ufficjal pubbliku. Ghaldaqstant bhala tali ma jistax jinstab hati tar-reat migjub fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat